# L-Innu Malti

Miktub mill-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila

## Lil din l-Art Ħelwa

- Kemm int sabiħa Malta, pajjiżi.
- Jien kburija bik u napprezzak l-ġmiel naturali u storiku tiegħek.

## L-Omm li tatna isimha

Napprezza li twelidt, kbirt, tgħallimt u ħadt l-edukazzjoni tiegħi f'Malta.

## Ħares Mulej,Kif dejjem Int ħarist
## Ftakar li lilha bil-oħla dawl libbist

- O Alla ibqa' ħu ħsieb in-nies kollha li joqogħdu Malta
- ipproteġina minn kull inkwiet, ġlied, diżastri u problemi serji

## Agħti kbir Alla, id-dehen lil min jaħkimha

- Biex il-liġijiet, regolamenti u deċiżjonijiet li jieħdu jkunu ta' ġid għal Malta
- Biex nikkoperaw ma' pajjiżi oħra għall-ġid tad-dinja

## Rodd il-ħniena lis-sid, saħħa 'l ħaddiem

- Nitlob għal min iħaddem lin-nies jirrispetta d-drittijiet tagħhom
- U għall-ħaddiema kollha biex jaħdmu b'responsabbilta'

## Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.

- Għinna nirrispettaw lil min hu differenti minna
- Biex ngħixu fil-paċi ma' xulxin u ma'nies ta' pajjiżi oħra